MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 38/2002/1

**Appell Nru 38/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Bugeja**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Bugeja talli f'dawn il-gzejjer fix-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru 2001 naqas li jaghti lil martu Mary Rose Bugeja u lil uliedu dik is-somma ffissata mill-Qorti ta' Lm270 (mitejn u sebghin lira) bhala manteniment hekk kif ordnat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, mill-Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri B.A., LL.D. b'digriet Nru 71/2001;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Frar 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Bugeja hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Bugeja, minnu ppresentat fil-21 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Fost id-diversi aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu hemm dak li, bazikament, jghid li d-digriet tas-Sekond Awla li a bazi tieghu giet formulata l-imputazzjoni huwa null, bil-konsegwenza li huwa qatt ma seta' jinstab hati kif effettivament instab.

Mill-provi jirrisulta li fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel qorti (cioe` quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) l-appellant ippresenta citazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha talab, *inter alia*, li d-digriet numru 71/2001 jigi dikjarat null u bla effett minhabba nuqqas ta' kompetenza tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili li temanah. Din ic-citazzjoni giet intavolata fit-30 ta' Novembru, 2001, cioe` kwazi xaharejn wara li harget ic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva (din ic-citazzjoni ggib id-data tas-6 ta' Ottubru, 2001). B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju, 2002 fl-ismijiet ***Emanuel Bugeja iben George v. Mary Rose Bugeja et.*** (sentenza li ghalhekk inghatat issa fil-mori ta' dana l-appell), il-Prim Awla fil-fatt iddikjarat l-imsemmi digriet tas-Sekond Awla bhala null u bla effett.

Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'digriet jew f'sentenza ta' Qorti Civili jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali kemm-il darba ma jkunx gie espressament revokat jew mibdul minn Qorti

Civili kompetenti jew altrimenti dikjarat null[1] (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Mario Mallia*** App. Krim., 8 ta' Mejju, 1998). Fil-kaz in dizamina d-digriet numru 71/2001 li hu l-bazi ta' l-imputazzjoni gie, kif inghad, dikjarat null u bla effett, u dan qabel ma din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – lahqet ghaddiet ghas-sentenza taghha. Mis-sentenza ta' l-4 ta' Lulju, 2002 ma sar ebda appell (ara d-dikjarazzjoni tar-Registratur tat-2 ta' Awissu, 2002, ezibita mill-appellant permezz tan-nota tieghu ta' l-istess data).

Din il-Qorti taghmilha cara li b'dak li qed jigi deciz f'dana l-appell ma jfissirx li Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha necessarjament tissoprassjedi kull darba li jigi allegat li ordni ghall-hlas ta' manteniment huwa null, jew meta l-imputat jew appellant juri li huwa fil-fatt ippresenta rikors jew citazzjoni ghall-varjazzjoni, revoka jew annullament ta' dak l-ordni; ghax altrimenti jkun wisq facli ghal dak li jkun li, biex itawwal u jistultifika l-proceduri kriminali, jaghmel tali allegazzjoni jew jippresenta tali rikors jew citazzjoni. Huwa mholli fil-gudizzju prudenti tal-gudikant li jiddeciedi jekk ghandux jissoprassjedi jew le, u, jekk jissoprassjedi, ghal kemm zmien ghandu jissoprassjedi. Il-gudikant ghandu qabel xejn jiddeciedi jekk l-allegazzjoni ta' l-imputat jew ta' l-appellant hix semplici tattika dilatorja, jew hemmx xi probabbilita` li hija fondata. Jekk, mill-kompless tac-cirkostanzi, ikun jidher li tali allegazzjoni hija semplicement tattika dilatorja, il-gudikant ghandu jibqa' ghaddej bil-kawza kriminali indipendentement minn jekk giex presentat rikors jew xi att iehor quddiem Qorti Civili.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Aldo Testone
Assistent Registratur

[1] U, meta d-digriet ikun inghata fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni, meta jigi ppruvat li kien hemm rikonciljazzjoni.